V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10471 — SUEZ / SCHNEIDER ELECTRIC / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 505/03)

1. Fis-6 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Suez Groupe SAS ("Suez") (Franza),

— Schneider Electric Industries SAS ("Schneider Electric") (Franza),

— Impriża bi Sħab (joint venture "JV") (Franza)

Suez u Schneider Electric jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-JV.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Suez: il-forniment tal-ġestjoni tal-ilma, ir-riċiklaġġ u l-irkupru tal-ilma mormi għal klijenti pubbliċi u industrijali, fil-ġbir, is-separazzjoni, ir-riċiklaġġ, ir-rimi u t-trattament ta' skart mhux perikoluż u perikoluż u servizzi ta' żvilupp urban,

— Schneider Electric: il-provvista ta' soluzzjonijiet għall-ġestjoni tal-enerġija u l-awtomazzjoni għad-djar, il-bini, iċ-ċentri tad-*data*, l-infrastrutturi u l-industriji,

— il-JV: id-disinn, l-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni ta' software għall-ġestjoni tal-ilma għall-faċilitajiet tat-trattament tal-ilma u tal-ilma mormi ta' operaturi muniċipali u klijenti industrijali madwar id-dinja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10471 — SUEZ / SCHNEIDER ELECTRIC / JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:
European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË